

Brussell, 17 ta' Jannar 2017  
(OR. en)

15653/16

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2006/0048 (APP)**

---

**AVIATION 253  
RELEX 1082  
MA 3**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/...**

**ta' ...**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,  
tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni  
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,  
u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 81 E, 15.03.2011, p. 5.

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, innegozjat Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mar-Renju tal-Marokk ("il-Ftehim") skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati.
- (2) Il-Ftehim ġie ffirmat fit-12 ta' Diċembru 2006, skont id-Deċiżjoni 2006/959/KE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill<sup>1</sup>. Il-Ftehim ġie rratifikat mill-Istati Membri kollha, ħlief il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja. Huwa maħsub li dawn l-Istati Membri ser jaderixxu mal-Ftehim skont l-Artikolu 6(2) tal-Atti ta' Adeżjoni rispettivi tagħhom.
- (3) Rigward l-emendi għal ċerti Annessi għall-Ftehim li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 22 tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tapprova dawn l-emendi f'isem l-Unjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill.
- (4) Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi stabbilita skont il-każ individwali f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni 2006/959/KE tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 55).

- (5) Billi kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Ftehim, kooperazzjoni mill-qrib bejniethom hija essenzjali. Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib u unità tar-rappreżentazzjoni esterna fil-Kumitat Konġunt, u mingħajr preġudizzju għat-Trattati, b'mod partikolari għall-Artikoli 16(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 218(9) TFUE, jenħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu fi ħdan il-Kumitat Konġunt, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri, fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri, qabel kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat Konġunt li tittratta tali kwistjoni.
- (6) L-Artikoli 2 sa 5 tad-Deċiżjoni 2006/959/KE fihom dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet stipulati fil-Ftehim, inkluż l-istabbiliment tal-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu fi ħdan il-Kumitat Konġunt u dwar l-obbligi ta' informazzjoni tal-Istati Membri, matul l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim. Dawk id-dispożizzjonijiet jew mhumiex meħtieġa jew m'għandhomx jibqgħu jiġu applikati fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 2015 fil-Kawża C-28/12, il-Kummissjoni vs il-Kunsill<sup>1</sup>. Għalhekk huwa xieraq li dawk id-dispożizzjonijiet kollha ma jibqgħux japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.
- (7) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ECLI:EU:C:2015:282.

### *Artikolu 1*

1. Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni<sup>1</sup>.
2. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa jwasslu lir-Renju tal-Marokk in-noti diplomatiċi previsti fl-Artikolu 30 tal-Ftehim<sup>2</sup> u jagħmlu n-notifika li ġejja:  
  
'Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, referenzi għal "il-Komunità Ewropea" fit-test tal-Ftehim għandhom, fejn adatt, jinqraw bħala referenzi għal "l-Unjoni Ewropea".'

### *Artikolu 2*

Il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 22 tal-Ftehim, fir-rigward tal-emendar għall-Annessi għall-Ftehim ħlief l-Anness I (Servizzi Miftiehma u Rotot Speċifikati) u l-Anness IV (Dispożizzjonijiet Transitorji), għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill.

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 57) flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja.

<sup>2</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

L-Artikoli 2 sa 5 tad-Deċiżjoni 2006/959/KE m'għandhomx jibqgħu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---